# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħatal-Kunsill LokaliĦal Safi

It-TmienLeġiżlatura

Laqgħa Numru 6/2023

26 ta' Mejju, 2023

Il-Kunsill Lokalita'Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00 pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | ViċiSindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

UffiċċjalPreżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

### 6.0 Qari tal-ittrita'apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 6.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjonital-Minuti

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

6.1.1 Is-Sindku qal ref punt 5.1 (culverts) kienu bdew jibdlu s-servizzi filwaqt li x-xogħolijiet kienu ser jibdew il-ġimgħa ta' wara l-laqgħa.

6.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 5.1.6(podium) il-Kunsill kien irċieva *specimen* kif kienet ser tiġi l-faċċata tal-podium b'*Sine Macula* taħt il-Logo tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna ngħidu lill-furnatur biex jagħtina *specimen* oħra bil-kliem imdawwar eżatt taħt il-logo imbagħad jagħżlu l-aħjar.

6.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ref punt 5.1.10 (rotot tal-linja) għandhom jitniżżlu liema rotot ser jiġu effetwati. Is-Segretarju Eżekuttiv kkonfermat ir-rotot kienu ir-rotta 71 u 218.

6.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ref punt 5.2.12 (karozzi jipparkjaw fuq il-bankina u jkissru t-tappiera) għandha titniżżel t-triq minn fejn ġie l-ilment u li l-Kunsill ma kienx ser jitlob approvazzjoni tal-bollards minn Transport Malta iżda li nissuġġerixxu lil din il-persuna tagħmel sprall tal-ħadid biex ma jibqax jinkiser.

6.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ref punt 5.2.13 (ġiebja Triq il-Kuċċard) il-Kunsill kien qabel ukoll li setgħet tintuża l-ġiebja li għandna f'Misraħ San Ġużepp.

6.1.6 Is-Sindku qal li ref punt 5.2.13 (ġiebja Triq il-Kuċċard) il-Kunsill kellu konferma li nistgħu nużaw l-ilma li hemm fil-ġiebja ta' Triq il-Kuċċard pero' jekk inkunu ser nagħmlu użu minn din il-ġiebja l-*maintenance* irid isir mill-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-ewwel u qabel kollox għandna naraw jekk il-ġiebja żammitx l-ilma qabel ma nikkonfermaw li ser nużawdin il-ġiebja minħabba din il-kundizzjoni.

6.1.7 Is-Sindku s-Sur Johan Mula qal li ref punt 5.3.3 (Gate kbira li ser tintuża mid-Detention Centre) kien tkellem mas-CEO tad-*Detention Centre* u r-risposta kienet li l-gate kienet ġa eżiżtenti u għalhekk ma jħossx li kellhom bżonn jitolbu permess minn Transport Malta. Is-Sindku qal li almenu d-*Detention Centre* kellhom jibagħtu l-Kunsill li kienet ser tibda tintuża l-*gate*kif ukoll jieħdu parir minn *Transport Malta* sabiex ma jkunux ta' periklu għall-pubbliku u l-vetturi.

6.1.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li ref punt 5.3.17 (pellegrinaġġ mal-Kappillan) għandha titniżżel li t-*trasport* ġie organizzat b'xejn mill-Kunsill.

6.1.9 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li ref punt 5.3.7 (laqgħa SUMP u SULP) il-laqgħa issa kienet saret. Il-Kunsillier Publio Abdilla staqsa x'kienu jfissru SUMP u SULP). Il-Kunsillier Mark Cocker ta d-dettalji ta' din il-laqgħa kif kien maħsub li jibda jitħaddem t-trasport pubbliku.

6.1.10 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li ref punt 5.3.8 (approvazzjoni tat-Traffic Management) din il-laqgħa kienet saret ukoll. Is-Sindku qal li kien ser jagħti aġġornament fil-Komunikazzjoni mis-Sindku lill-Kunsill.

## 6.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

6.2.1 Is-Sindku spjega li l-approvazzjoni tat-*Traffic Management* kellha tiġi diskussa minn *Transport Malta* waqt it-*Traffic Management Committee* fix-xahar ta' Mejju. Huwa qal li l-laqgħa kellha ssir nhar il-Ħamis 18 ta' Mejju, 2023 u li għaliha kien attenda l-Kunsillier is-Sur Mark Cocker flimkien mal-Perit Shannon Farrugia minn *Studj Uurban Ltd*. Is-Sindku talab lill-Kunsillier is-Sur Mark Cocker jagħti update tal-laqgħa tat-*Traffic Management Committee.*

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker irringrazzja lill-Perit Shannon Farrugia li irranġat biex tattendi għal l-istess laqgħa daqshekk *short notice*. Huwa spjega li għal din il-laqgħa kien hemm preżenti l-Pulizija, Diretturi minn *Transport Malta* u Transport Pubbliku u SME 's. Huwa kompla jispjega li l-SME's kellhom jitilqu mil-laqgħa kmieni għalhekk kienet ser issir laqgħaoħra l-ġimgħa ta' wara biex jiġi diskuss it-trasport pubbliku biss. Huwa kkonferma li waqt l-istess laqgħa ma kienx hemm oġġezzjonijiet minn naħa ta' *Transport Malta*rigward it-*Traffic Management* pero' kien qam il-punt li kienet qed tintlaqat il-gallarija ta' dar fi Triq San Pawl. Il-Kunsillier Mark Cocker qal li minn naħa ta' *Transport Malta* kienu qed jisħqu li jekk il-parkeġġi faċċata tal-gallarija ma jitneħħewx allura t-trasport pubbliku ma kienx ser jibqa jgħaddi mill-pjazza. Is-Sindku qal li l-Kunsill seta' jwaħħal tabella biex il-parkeġġ isir strettament *within the lines* biex ma jsirx ipparkjar ħażin. Il-Kunsill iddiskuta u ħass li ma tagħmilx sens li jitneħħew il-parkeġġi fi Triq San Pawl minħabba li x'uħud mix-xufiera tal-karozza tal-linja m'humiex kompetenti biżżejjed biex jgħaddu minn ċertu toroq saħansitra fl-istess triq l-istess xufiera kienu qed jolqtu s-Salib tad-Dejma ukoll.

6.2.2 Is-Sindku qal li nhar it-28 ta' April, 2023 flimkien mal-Perit Dr Antoine Zammit kien attenda għal laqgħa mal-Ministru Aaron Farrugia rigward *SlowStreets*. Il-Kunsill kien sejjaħ laqgħa mal-Perit sabiex jagħtina spjegazzjoni ta' x'jista' jsir bil-ħsieb li nżommu kemm nistgħu mat-toroq li l-Kunsill diġa' kien qabel dwarhom għat-*Traffic Management*. Is-Sindku spjega li t-Toroq li l-Kunsill kien qed jissuġerixxili jdaħħal f'din l-inizjattiva huma:

Triq San Pawl
Triq San Gużepp
Misraħ San Mattew u Triq il-Menqa
Triq L-Iskola u
Misraħ il-Pjazza

Huwa spjega li issa l-Perit kienet ser tibgħat disinn għal dawn l-interventi li ser jikkonsistu biss bħala tabelli u sinjali tat-traffiku u forsi tqegħid ta' xi qsari liema interventijsiru bi prova. Is-Sindku spjega li l-iskop ta' din l-inizjattiva huwa li

nkomplu ninċentivaw il-mixi fil-qalba tar-raħal. Is-Sindku qalli x-xogħol kollu ser isir minn *Infrustructure Malta* skond it-talba tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li sal-laqgħa ta' Ġunju l-Kunsill ser ikollu l-pjan ta' kull intervent sabiex dan jiġi approvat u mgħoddi lil *Infrastructure Malta*.

6.2.3 Is-Sindku qal lill-Kunsillierili x-xogħolijiet fid-*Dog Park* u l-*Picnic Area* issa waslu fit-tmiem fil-fatt il-pavimentar tlesta u l-arbli tad-dawl kienu lesti ukoll. Is-Sindku spjega li l-*fencing* tal-ħadid tal-madwar kien diġa' ordnat saħansitra jekk kollox jimxi sew sa nofs Ġunju x-xogħolijiet għandhom ikunu lesti. Is-Sindku qal li *Project Green* kienu ser jagħmlu *MOU* mal-Kunsill sabiex jiġi ndikati x'ser ikunu r-responsabbiltajiet tal-Kunsill u ta' *Project Green*. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ser ikollu jieħu ħsieb *id-day to day running* bħal tindif u t-tbattil tal-bins wara li jitlesta dan il-proġett.

6.2.4 Is-Sindku spjega li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Mark Cocker kienu attendew żewġ laqgħat*Transport Malta* rigward SUMP u SULP waħda minnhom b'mod virtwali. Is-Sindku spjega *Transport Malta* kienu għaddejjin b'konsultazzjoni sabiex it-trasport pubblikujitjieb u jsir aktar effiċjenti. Is-Sindku għadda l-informazzjoni li l-Kunsill kellu sa issa fuq din l-inizjattiva.

6.2.5 Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju 2023 kienet tnediet l-istrategija tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sindku ta' rendikont tal-attivitajiet kollha li kienu ser isiru f'għeluq it-30 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sindku qal ukoll li kulllokalita' f'Malta u Għawdex kellhom jidentifikaw post sabiex f'Ottubru titħawwel siġra kommemorattiva għal din l-istrateġija. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li bħala post addattat għandna nissuġġerixxu il-ġnien quddiem il-Binja tal-Kunsill.

6.2.6 Is-Sindku qal li kellu meeting mal-Fondazzjoni Gal Xlokk rigward il-programm ta' ġestjoni li ser ikun qed ikopri s-snin 2023 u t-2027. Is-Sindku ta' rendikont żgħir tal-programm il-ġdid li għadu kif ġie varat. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-miżuri l-ġodda kien ser joħorġu mis-sena d-dieħla.

Fuq l-istess Fondazzjoni is-Sindku qal li issa li kienet ser jibda l-programm l-ġdid 2023 sa 2027 il-Kunsilli nteressat kellhom jirreġistraw sabiex juru l-interess sabiex jissieħbu mal-Fondazzjoni Gal Xlokk. Is-Sindku qal li l-ħlas għas-sħubija ta'darba ser tibqa' l-istess dik ta' €500 għal kull kunsillier u għalhekk il-Kunsill ta' Ħal Safi kien obbligat iħallas is-somma ta' €2500 li minn din is-sena wieħed ser ikun jista' jħallashom fuq medda ta'sentejn jiġifieri €1250 għal darbtejn. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nissieħbu mal-Gal Xlokk Foundation u qabel ukoll li l-ħlas għas-sħubija jitħallas fuq sentejn.

6.2.7 Is-Sindku qal li kulħadd seta' jara li r-restawr tan-niċeċ issa kien lest u qal li huwa kellu *feedback* tajba ħafna. Il-Kunsill iddiskuta dan il-proġett.

6.2.8 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ibbenefika minn fondi mill-MTA sabiex isir restawr tan-niċeċ. Huwa spjega li l-fondi li l-Kunsill kien ibbenfika mil-LESA kienu suffiċċjenti biex il-Kunsill seta' jirrestawra l-istess niċeċ kompletament. Is-Sindku qal li sabiex il-fond ta' €15,000 mill-MTA ma jintilfux il-Kunsill kien ressaq tlett proposti ta' restawr:

Restawr tal-ħitan tas-sejjieħ li nkiser bil-maltemp fi Ġnien Sir Alexander Ball

L-20% tar-restawr tan-niċeċ li l-Kunsill ma kienx ser jibbenfika mil-LESA

l-Istatwa tat-tfal.

Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma dawn it-tlett proposti.

6.2.9 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien mistieden jieħu sehem fi Programmta' *Green Up Project*. Huwa qal li l-ewwel żjara kienet ser ssir f'Messina bejn is-26-29 ta' Ġunju 2023. Huwa stieden lill-Kunsilliera sabiex min kien interessat ikun jista' jirrappreżentalill-Kunsill ta' Ħal Safi.

6.2.10 Is-Sindku qal l-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mill-ERA u mill-Fondazzjoni għal Konservazzjoni tan-Naħla Maltija. Huwa spjega li dawn iż-żewġ entitajiet xtaquli kull kunsill jiffirma it-talba sabiex in-naħla maltija tiġi ddikjarata bħala l-insett nazzjonali sabiex in-naħla Maltija tiġi preservata u ma tinqeridx. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din l-inizjattiva.

6.2.11 Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien attenda laqgħa mal-Perit tal-Kunsill Anthony Bezzina u ż-żewġ żagħżagħ li kienu ħadmu fuq proġett għal Ġnien Dun Karm Vella. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien baqa' tal-fehma li jsir il-parkeġġ taħt l-art u spjega li l-Perit kien qed jissuġġerixxi li t-toroq tal-madwar jingħalqu għat-traffiku kollu minbarra l-aċċess għall-garaxxijiet. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill jistieden lill-Perit Bezzinagħal laqgħa mal-Kunsill kollu sabiex ikun jista' jfehemna aħjar l-proposti tiegħu qabel ma jibda jaħdem fuq il-pjanti tal-Ġnien.

6.2.12 Is-Sindku qal li l-librara xtaqet torganizza *Dinasaurs Day* nhar is-Sibt 3 ta' Ġunju, 2023. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din l-inizjattiva.

6.2.13 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva invit mill-Ministru Miriam Dalli u l-Perit s-Sur Jorge Spiteri sabiex il-Kunsill jattendi għal laqgħa li kienet ser issir nhar it-Tnejn 5 ta'

Ġunju, 2023 bejn nofsinhar u s-sagħtejn dwar L-esperjenza tas-sengħa tan-naħħal fi Ġnien Sir Alexander Ball.

**6.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

6.3.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla ssuġġerixxiet sabiex jekk hemm xi cameras (CCTV) fil-bandli li ma kienux qed jaħdmu għandna nirranġawhom.Is-Sindku kkonferma li kienet ħarġet inizjattiva minn naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u li l-Kunsill qabel li għandna napplikaw sabiex isir upgrade tal-cameras kollha li għandna madwar il-bandli u l-binja tal-Kunsill.

6.3.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kienet irċiviet ilment li fi Triq ta' Ġawharkien hemm arblu f'nofs tal-bankina tal-kumpanija GO plc. Is-Sindku kkonferma li dan l-ilment kien daħal il-Kunsill ukoll u anki lil din il-persuna il-Kunsill kien spjegalha li l-problema kienet sa kemm jinqalbu l-linji tal-Go fuq il-fibreoptic ma jistax jitneħħa.

6.3.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li xtaqet terġa' tfakkar lill-Kunsill li fi Triq San Pawl kien hemm bracket tal-Enemalta li l-persuna li ressqet l-ilment tisħaq li hija ta' periklu. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera terġa' tibgħat ir-ritratt sabiex il-Kunsill jibgħat tfakkira.

6.3.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kienet ser torganizza attivita' għal lejlet l-Imnarja għal Buskett. Il-Kunsill qabel.

6.3.5 Il-Kunsilllieras-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kellha ukoll il-ħsieb li torganizza ġurnataSqallija. Il-Kunsill qabel ukoll.

6.3.6 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li kien attenda laqgħa b'mod virtwali organizzata minn Reġjun Punent rigward l-anzjani. Huwa ta rendikont tal-attivitajiet li kien hemm ippjanati għall-anzjani tal-lokalitajiet kollha tar-Reġjun Punent.

6.3.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla għarrfet lill-Kunsill li kien hemm persuna li qed tissuġġerixxi ħarġa kulturali f'Ħal Safi b'informazzjoni ta' kif kien ir-raħal fl-imgħoddi.

6.3.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li fi Triq San Frangisk kien hemm rummiena li qabżet it-triq u meta jkun ir-riħ iz-zokk kien qed iwaqqa l-ġebel tas-sejjieħ. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill kien ser jibgħat lill-ġardinar.

6.3.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li fi Triq San Ġorg kien hemm bozza ilha irrapurtatha aktar minn ġimgħa li għadha ma kinitx qed tixgħel. Huwa qal li l-

kuntrattur kien mar fuq il-post pero' xorta ma ssewwietx. Is-Sindku kkonferma li din il-bozza wara li ġie l-kuntrattur tagħna l-ħsara kienet għaddiet f'idejn l-Enemalta.

6.3.10 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-Kunsill kellu skipfi Triq San Ġorgu li ma kinitx għadu hemm. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien konxju u li l-ewwel konna ser nikkonsultaw mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart imbagħad wara nistaqsu lis-sid tal-binja.

6.3.11 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li fil-laqgħa l-oħra kien semma' l-bank fejn l-skips. Is-Sindku kkonferma li dan il-bank għandu jinqala' u jeħel ieħor minfloku mill-ħaddiema tal-Kunsill.

6.4 Rapporti
Approvazzjoni Estimi Finanzjarji 2022

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet daħħlet dan il-punt fl-Aġenda bit-tama li sal-laqgħa l-awdituri flimkien mal-accountant tal-Kunsill ikunu lesti mill-AuditAdjustmentspero' sfortunatament ma lestewx. Hija qalet li issa ma kienx hemm alternattiva oħra ħlief li l-Kunsill isejjaħ laqgħa b'urġenza biex jiġu approvati l-estimi finanzjarji biss.

6.5 Korrispondenza

Il-Kunsill iddiskuta xi punti mill-korrispondenza.

6.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

6.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-7.50pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ġimgħa 23 ta' Ġunju, 2023 fil-4:00pmimbagħad wara fis-6:00pm issir il-Laqgħa tal-Lokalita'.

Iffirmati
Johan Mula
Sindku

Iffirmati
Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv